# The Three Countries Tour: Austria, Germany, Switzerland
# Bregenz & Lake Constance



Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €995 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €995 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,305 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €910 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Zurich
- 20kgs bagalja + Hand Luggage
- Transfers u Eskursjonijiet skont il-programm
- 4 iljieli Grand Hotel Bregenz – Mgallery 4 Star
- Buffet Brekfast
- Taxxi tal-Ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

## 08 - 12 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Bregenz, Appenzell, Constance, Meersburg, Lindau, Stein am Rhein & RhineFalls**

**It-Tlieta 08 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fin-12.30 għall-flight KM490 li ttir fis-14.25, naslu Zurich fil-16.45. Mal-wasla tagħna, transfer bil-kowċ lejn l-**Austria** għall-belt ta' **Bregenz.** Check-in fil-**Grand Hotel Bregenz – Mgallery 4 Stars** li qiegħeda fiċ-ċentru tal-belt.

**L-Erbgħa 9 ta' Diċembru**
Il-ġurnata tal-lum teħodna qalb in-natura ta' **Switzerland** fejn se nżuru **Appenzell** u l-**muntanja Säntis.** L-ewwel waqfa tagħna tkun fil-belt ta' **Appenzell** belt magħrufa l-aktar għall-karattru medjevali u għall-artiġjanat tradizzjonali Svizzeru. Fost xenarju pittoresk, inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Schwägalp minn fejn naqbdu l-cable car (extra) biex nitilgħu fuq il-muntanja Säntis. Minn fuq il-quċċata ta' din il-muntanja, wieħed jista' igawdi veduti panoramiċi spettakolari. Nirritornaw lura l-lukanda.

**Il-Ħamis 10 ta' Diċembru**
Illum inżuru belt sabiħa fil-Ġermanja, hekk imsejjħa **Constance.** Din hija l-akbar belt fuq ix-xatt tal-**Lag Kostanz**. Ikollna ħin biex niskopru din il-belt kif ukoll ħin liberu biex ingawdu il-Christmas Market hekk imsejjaħ Winter Magic, li hu l'akbar wieħed madwar il-lag. Dan il-Christmas market jittella eżattament ħdejn il-lag. Wara nofsinhar nirritornaw lura Bregenz biex inkomplu ngawdu l'atmosfera festiva ta' din il-belt, fejn ukoll jittella' Christmas Market.

**Il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru**
Illum ġurnata oħra nduru diversi villaġġi mal-lag Kostanz fin-naħa tal-**Ġermanja**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġol-belt żgħira ta' **Meersburg** fejn flimkien ingawdu din il-belt magħrufa għas-seħer medjevali tagħha. It-tieni waqfa tagħna tkun fil-belt u gżira ta' **Lindau** fejn naraw il-famuża Rathaus, Mangturm, Maximilianstrasse li hi t-triq prinċipali mimlija ħwienet u restaurants. Fid-daħla sabiħa tal-port insibu żewġ monumenti li huma l-Lighthouse u l-istatwa tal-iljun. Ikollna ħin liberu biex ingawdu din il-belt kif ukoll il-Christmas market li jittella' prinċipalment max-xatt tal-lag.

**Is-Sibt 12 ta' Diċembru**
Fl-aħħar ġurnata nżuru **Stein am Rhein** u **Neuhausen.** L-ewwel waqfa tagħna tkun fil-belt storika ta' Stein am Rhein, magħrufa għaċ-ċentru medjevali




tagħha, bini pittoresk u faċċati miżbugħa b'affreski. L-aħħar waqfa tagħna tkun **Neuhausen** biex naraw il-famużi r-**Rhine Falls**, waħda mill-aktar attrazzjonijiet naturali spettakolari fl-Ewropa. Ikollna ħin biex ingawdu l-ġmiel tan-natura u wara nkomplu sejrin lejn l-ajruport ta' **Zurich** b'ħafna memorji sbieħ. Nagħmlu c-check-in għall-flight KM491 li ttir fis-17.40 u naslu lura Malta fit-19.40.